# BELHIENI

*Ta'* LOUIS BUTTIGIEG

Belhieni . . .
Idejh iħabbat, idur u bil-qalb jogħxa,
Dik id-daħka li fiha ma hemmx imrar.
Għaliex qed jidħak?
Ma nafx . . .
U ma naħsibx li nkun qed narra,
Jekk ngħid li hu nnifsu lanqas jaf.
Belhieni . . .
In-nies titħassru u tqisu xi barrani.
Għalenija jgħidu: "Kemm hu miskin!"
Imma ngħid jiena:
"Miskin?"
Miskin għax qiegħed igħix f'dinjietu,
Li fiha la hemm maskri u lanqas sriep?"
Belhieni . . .
Għalih id-dinja hi ġnien ta' ward ifewwaħ;
Ma jxommx il-mard u l-ħażen tal-bnedmin;
Imm'aħna iva.
Min jaf
X'uġigħ il-qalb, x'niket ġarrabna,
Meta l-għedewwa sibna flok il-ħbieb!
Belhieni . . .
Kien ħabib tiegħi; daqs ħija kont inħobbu.
Il-lum jinsab igawdi lill-Mulej.
Għelejt għax tliftu.
Għaliex?
Għaliex naf żgur li kien iħobbni
U minnu tlift, tlift iva ħabib tassew.

29 ta' Jannar 1968.